ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

**Minuti tal-455 laqgha tal-Kunsill li saret**
**nhar il-Hamis 19 ta' Ottubru, 2015**

Il-laqgha bdiet fis-6.10 ta' filghaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgha.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Agius, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Vella, is-Sur John J Pace u s-Sur Brian Spiteri.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius jiġi skużat.

Is-Sur Mark Grech dahal ghal-laqgha fis-6.25 ta' filghaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali ghaż-Żghażagh is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-454 laqgha jiġu unanimament approvati.

Item3 - Punti li johorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg semma t-talba li kien ghamel sabiex il-Kunsill jwahhal *floodlights* fuq iz-zuntier tal-kappella ta' Santa Marija u staqsa jekk kienux ġew iċċekjati l-minuti tal-Kunsill dwar id-deċiżjoni li kienet ittiehdet fil-leġislatura preċendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-talba kienet sabiex jinbidlu l-globi peress illi ma kienux qed jixghelu u meta kien inghad li l-globi kienu mqabbdin mad-dawl tat-triq. Is-Sur Buttigieg ressaq quddiem il-Kunsill estratt tal-minuti tal-404 laqgha tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv qara l-estratt tal-minuti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinbidlu l-globi bhal ma kien ġie deċiż

fil-minuti tal-404 laqgħa tal-Kunsill li kienet saret fis-26 ta' Settembru, 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma jistax iħallas għal xogħol li jsir fil-proprjetà tal-knisja u qal ukoll illi fis-sena 2012 il-Kappillan kien ħa id-deċiżjoni li l-konsum tad-dawl ta' dawn il-globi ma jitħallasx aktar.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex ma ssirx ħamrija fit-tarf tal-bankina ta' Triq Labour peress illi fit-tarf tal-bankina kienet ser issir *soft area* u l-passiġġieri u s-sewwieqa li joħorġu mill-vettura tagħhom kienu ser jiġu fil-ħamrija. Is-Sindku qal illi ma kinitx ser issir ħamrija fit-tarf kollu tal-bankina.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill rapport dwar diskussjonijiet li saru matul iż-żjara tal-Kunsill f'Eschborn. Huwa qal illi kien ġie nfurmat li f'diskussjoni li kienet saret f'Eshenfest tas-sena preċedenti, is-Sindku Quinton Scerri kien ġie mgħarraf bl-offerta tal-Kunsill ta' Eschborn li sal-aħħar tas-sena jingħata ammont ta' flus biex permezz ta' fondi addizzjonali tiġi rrestawrata l-Mina ta' Hompesch.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir il-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ. Is-Sindku qal illi matul iż-żjara tal-Kunsill f'Eschborn ġie deċiż li għalissa mhux ser isiru aktar skambji minħabba problema ta' finanzi u minħabba problema ta' konkorrenza, però matul iż-żjara mid-delegazzjoni Ġermaniża f'Malta ġiet diskussa l-possibiltà li jsiru tentattivi sabiex il-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ isir f'Malta matul is-Sajf ta-sena 2016.

Fis-6.25 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mistieden jibgħat artisti Żabbarin sabiex ittellgħu esebizzjoni ta' arti waqt Eschenfest f'Mejju, 2016. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li bħala artista Żabbarija hemm is-Sinjura Bernice Buttigieg filwaqt li s-Sur Brian Spiteri issuġġerixxa lil artist Żabbari is-Sur Shaun Camilleri. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħareġ avviż pubbliku għal dawk l-artisti Żabbarin li lesti jesebixxu l-arti tagħhom f'Eshenfest.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Is-Sinjura Anna Calleja talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjura Nathalie Schembri sservi bħala membru fis-Sotto-Kumitat għall-Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sinjura Anna Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li s- Sinjura Nathalie Schembri sservi bħala membri f'dan is-Sotto-Kumitat.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza flimkien ma' ċertifikati mediċi mibgħuta minn Dr. Roselyn Borg f'isem is-Sinjura Grace Zahra li talbet sabiex isiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza 46, Maria Mater Gratiæ, fi Triq il-Vittorja minħabba raġunijiet ta' saħħa. Fuq

proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob linji gwida sabiex ikun jaf x'inhi il-*policy* ta' Transport Malta f'każijiet bhal dawn, kif ukoll sabiex it-talba lil Transport Malta ssir in ġenerali u mhux marbuta biss mal-każ tas-Sinjura Zahra. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li s-Sinjura Zahra kienet qed titlob li ma jipparkjawx karozzi quddiem ir-residenza taghha peress illi l-kċina qieghda mat-triq fejn m'hemmx bankina u l-*exhaust* tal-karozzi kien qieghed ta' detriment ghal sahhet żewġha peress illi d-dhahen jidhlu eżatt mit-tieqa ghall-kċina.

Inqrat Memo 29/2015 mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar eżerċizzju li ser isir sabiex jitjieb ir-riżors uman fil-Kumitati Reġjonali u fil-Kunsilli Lokali billi minn nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2015 kull Kumitat Reġjonali u kull Kunsill Lokali ser ikollu parteċipant ghal żmien temporanju ta' bejn sitta u tmien ġimghat u li ser jahdem ghoxrin (20) siegha fil-ġimgha *on the job placement*. Il-parteċipanti ser jithallsu mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u t-Tahriġ.

Inqrat korrispondenza mibghuta mis-Sinjura Marie-Jeanne Borg mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Artiklu 33 (1) (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) dwar il-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li jipproponi lill-Ministru responsabbli ghall-edukazzjoni, persuni biex jinhatru bhala presidenti ta' kunsilli ta' skejjel primarji. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jahtar lis-Sur Mark Grech bhala President tal-Iskola Primarja A. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikompli t-terminu tieghu fil-kariga ta' President tal-Iskola Primajra B.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Sandra Portelli dwar inċident li allegatament sehh fi Triq San Leonardu, fejn talbet kumpens ta' €54.50 minghand il-Kunsill ghall-hsarat li ghamlet fil-vettura taghha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà ghal dan l-inċident u li tintbghat ittra legali bhala risposta.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Gvern Ċentrali sabiex Triq San Leonardu tinghata wiċċ ġdid wara li din it-triq thalliet imkissra wara xoghol li sar minn kuntrattur imqabbad mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta madwar hames snin ilu.

Inqrat korrispondenza mibghuta mis-Sur Jeffrey Ellul, uffiċjal fl-Uffiċju Elettorali dwar talba minn residenta li toqghod fi Blokk I, li qieghed abbinat ma' Triq il-Ward, u li fethet bieb fuq wara tal-blokka. Is-Sur Ellul talab lill-Kunsill jikkonferma jekk id-dahla fejn jinsab il-bieb taghmilx ma' Triq il-Ward jew inkella hux ser tiġi msemmija fil-futur. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir kuntatt mar-residenta u f'każ li hemm residenza wahda biss f'dan il-flat li jinsab fuq wara tal-bieb prinċipali, it-trejqa tinghata isem ġdid.

Inqrat korrispondenza mibghuta minn resident fi Triq il-Biċċieni li talab sabiex il-Kunsill iwahhal tabella fi Triq il-Biċċieni sabiex ma jidhlux vannijiet kbar peress illi qed

jikkawżaw ħsarat mal-faċċati tad-djar. Peress illi l-vannijiet il-kbar kienu qed jidħlu biex jagħtu servizz lil *St Catherine Bakery*, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb formalment lill-propretarji ta' *St Catherine Bakery* u jitolbuh sabiex ma jimblukkax it-traffiku għal ħinijiet twal.

Item 6 - Xogħol tal-Kunsill

Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mill-25 ta' Settembru 2015 sad-19 ta' Ottubru 2015 li kien jammonta għal €28,400.32.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru 2015 li kien jammonta għal €97.39.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi l-ispiża sabiex issir it-tiswija tal-funtana tal-Misraħ kienet swiet madwar €2,000 u minkejja dan il-funtana tal-Misraħ baqgħet ma taħdimx b'mod regolari.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li titpoġġa xibka tas-sajd fil-funtana tal-Misraħ u li titpoġġa wkoll xibka tal-ħadid mal-funtana ta' Medjatriċi sabiex ma jinġabarx iktar ħmieġ fil-funtani.

Sejħa għal kwotazzjoni għall-polza ta' assikurazzjoni tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kwotazzjoni għall-polza ta' assikurazzjoni tal-Kunsill kienet ser tagħlaq u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk joħroġx sejħa għall-kwotazzjonijiet. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Peress illi l-polza proposta ser tiskadi fi żmien qasir fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi estiża għal xahar il-polza ta' assigurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Island Insurance Brokers Limited sakemm issir l-aġġudikazzjoni tal-offerti għall-polza ta' assigurazzjoni.

Item 7 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku qal li waqt diskussjoni li kellu mas-Sur Silvio Camilleri mis-Segretarjat għall-Anzjani, ġiet diskussa l-possibilità li għad-*Day Centre* tibda tintuża l-kċina li hemm fil-bini tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż żejda. Is-Sindku qal ukoll illi ġiet diskussa l-possibilità li s-Segretarjat għall-Anzjani iħallas l-ispejjeż ukoll għall-kiri tas-sala parrokjali sabiex tintuża għad-*Day Centre* għall-anzjani peress illi s-sala tal-Kunsill ma tesax iktar minn tletin (30) ruħ, kif ukoll li l-Kunsill jikkunsidra li jħallas it-trasport lill-anzjani. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph

Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob kemm ikun il-hlas lill-Kappillan ghall-użu tas-sala kif ukoll li tibda tinġabar lista ta' persuni li jixtiequ jibdew jattendu d-*Day Centre*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xoghol fil-*playing field* 'Ġnien il-Kunsill' kien inbeda u li kienet inharġet sejha ohra ghall-offerti ghall-*equipment* tal-*playing field* fi 'Ġnien il-Kunsill'.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xoghol preliminari ta' rinovazzjoni fil-Berġa tal-Kunsill u x-xoghol kien ser jitlesta f'Jannar li ġej. L-ispiża tal-Kunsill ser tammonta ghal €4,000 u ser issir rifużjoni ta' dawn l-ispejjeż mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

Is-Sindku qal illi s-sistema ta' *one way* li ġiet approvata riċentament fi Triq il-Fiġel kienet ser tkun ta' periklu ghas-sewwieqa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni sabiex Triq il-Faqqus issir *one way* minn naha ta' Triq Wied il-Ghajn, faċċata tal-ghajn tal-bhejjem u d-dhul ghal Triq A. Caligari isir minn Triq il-Kappar jew minn Triq Wied il-Ghajn, filwaqt li l-hruġ minn Triq A. Caligari isir minn Triq il-Faqqus, Triq il-Qaqoċċ jew minn Triq A. Caligari stess. Minhabba t-tibdil fis-sistema tat-traffiku f'din iż-żona, is-Sur Mark Grech talab li ssir tabella fi Triq Wied il-Ghajn li tindika minn fejn is-sewwieqa jridu jghaddu ghal Triq l-Inhasa.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Bord tal-Kuntratti kien ha deċiżjoni favur il-Kunsill wara l-appell li sar mill-kumpanija WM Environmental Limited ghall-kuntratt ghaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015) u ghalhekk il-kuntrattur il-ġdid, is-Sur Sandro Caruana, issa beda s-servizz tieghu ta' żamma ta' manutenzjoni ta' latrini pubbliċi b'effett mid-19 ta' Ottubru, 2015.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi kien ser jorganizza harġa u quddiesa ghall-anzjani fid-19 ta' Novembru, 2015.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi il-hġieġa tal-*bus shelter* li hemm fi Triq Villabate kienet imkissra u riedet tiġi rranġata.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-htieġa li tinżabar siġra li hemm fi Triq Villabate viċin l-*ironmongery*.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru *yellow lines* fil-kantuniera fi Triq il-Grazzji.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx bdiet tithaddem is-sistema l-ġdida tal-gwardjani lokali. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *cat cafe* fi Triq in-Newl fil-viċinanzi tal-*bring in-sites*.

Is-Sur Joseph Agius qal illi s-sidien tal-ħwienet ta' Triq is-Santwarju kienu qed joħorġu l-kaxxi tal-kartun u jingumbraw il-bankina.

Is-Sindku talab sabiex issir *road hump* fi Triq Tumas Dingli ma' Triq is-Santwarju.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitnaddaf il-ħmieġ li hemm taħt il-ħajt tal-għalqa fi Triq il-Ħawt.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi t-trakkijiet li qed joħorġu mill-impjant tal-*Wasteserv* qed iwaqqaw il-ħmieġ fit-toroq.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab sabiex il-Kunsill jitlob il-permess ta' Transport Malta sabiex jitwaħħlu sitt (6) *bollards* tal-plastic fi Triq ix-Xgħajra u jingħalaq l-aċċess għall-vetturi sabiex ma jaqsmux minn Triq il-Kapuċċini għal Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Mark Grech qal illi waqt il-programm Radju Hompesch ir-residenti ilmentaw dwar il-kwalità ta' konkos li ngħata fi Triq il-Grazzji peress illi kien inqala'. Is-Sur Grech qal illi minkejja l-Kunsill kien iddeċieda li ser iżomm ir-*retention money* tal-kuntrattur responsabbli, ix-xogħol f'din it-triq għadu ma sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja li l-perit tal-Kunsill kien informa lill-kumpanija Vella Group Limited bir-riżultat tal-kampjuni tal-konkos li ttieħed minn Triq il-Grazzji, il-kuntrattur baqa' ma ħax azzjoni u għalhekk Triq il-Grazzji kienet ser tiġi rranġata mill-kumpanija *Central Asphalt* li għandha l-kuntratt mal-Kunsill għall-manutenzjoni ta' toroq u bankini.

Is-Sur Mark Grech qal illi l-attivitajiet pubbliċi li saru sabiex ifakkru l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar kienu ta' suċċess. Is-Sur Grech talab sabiex isir tradizzjoni bl-ingliż bil-*captions* tad-dokumentarju li ntuża fl-attivita' sabiex jibda jintwera fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sur Grech semma l-possibiltà li l-Kunsill joħroġ *bye law* u jibda jbiegħ id-dokumentarju fuq CD. Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill illi l-ispiża sabiex tittella' din l-attività kienet tammonta għal €975.

Is-Sur John J Pace ssuġerixxa sabiex titwaħħal lapida fi Triq il-Karmnu sabiex tfakkar l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajrunplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur John J Pace qal illi meta kien fuq il-programm Radju Hompesch irċieva diversi lmenti fosthom dwar il-konkos tal-art fi Triq il-Grazzji kif ukoll dwar rampi mibnija illegalment fuq diversi bankini f'Ħaż-Żabbar. Ilmenti oħra kienu jitrattaw dwar il-bżonn ta' manutenzjoni aktar spiss fir-*roundabouts*. Is-Sur Pace qal illi kien irċieva lmenti dwar nuqqas ta' fjuri u nuqqas ta' tisqija fis-*soft areas* speċjalment fi Triq iċ-Ċikas. Is-Sur Pace qal ukoll illi r-residenti kienu talbu sabiex Triq Santa Duminka tingħalaq għat-traffiku. Is-Sindku qal illi l-unika soluzzjoni sabiex jonqos it-traffiku minn Triq Santa Duminka hi li tinfetaħ Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur John J Pace qal illi f'Ħaż-Żabbar kien qed ikun hemm problema ta' traffiku speċjalment fl-akwati ta' Triq il-Karmnu.

Is-Sur John J Pace issuġġerixxa li Triq iż-Żingla issir *one way*.

Is-Sur John J Pace talab sabiex ikun hemm *follow up* tal-ilmenti u s-suġġerimenti li jsiru matul il-programm Radju Hompesch u li l-Kunsillier li jkun mistieden fil-programm d-darba ta' wara jkun jista' jwieġeb il-mistoqsijiet li jkunu saru mir-residenti fil-programm preċedenti.

Il-laqgha spiċċat fit-8.00 ta' filghaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-456 laqgha li saret nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku